# Il-Baned "La Valette" u "San Ġużepp" fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu Mitt Sena Ilu.

Meta ma kienx hawn mezzi ta' komunikazzjoni li għandna llum kienu jinstabu metodi oħrajn biex wieħed jirreklama xi prodott jew xi attività partikolari. Fost dawn l'attivitajiet kienu jiġu rreklamati l-programmi tal-festi u biex dan isir kienu jitqassmu "karti volanti", jitwaħħlu kartelluni mal-ħitan bil-programm tal-Festa u kien jitqassmu wkoll kartolini b'xeni sbieħ u r-reklam tad-ditta fuq quddiem, fil-waqt li fuq n-naħa ta' wara kien ikun hemm id-dettalji ta' xi programm mużikali li jkun ser isir mil-Banda waqt il-jiem tal-Festa.

Iltqajt ma kartolina li teħodna eżattament mitt sena lura, nhar il-15 ta' Lulju 1907 fil-Belt Valletta waqt jum il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu. Dak in-nhar kienu daqqew il-Banda tas-Soc. Fil.Naz. "La Valette" tal-Belt u l-banda "San Ġużepp" tal-Ħamrun.

Il-banda "La Valette" taht id-direzzjoni tas-Surmast il-Profs. G. Lucia, kienet daqqet fi Pjazza "San Ġorġ" dan il-Programm, Marcia "Lord Charles Beresfrod" ta' Xuereb, Sinfonia "Savoja" ta' Farina, Gran Finale mil- "Guarand" ta; Gomez, Barcacola ed Aria mil-"I Due Foscari" ta' G. Verdi, Zigaresca mil- "Capriccio" ta' Caravglios, Inno "La Valette" u "Dio Salvi il-Re". Dan il-Programm beda fit-8.30 ta' filgħaxija.

Il-Banda "San Ġużepp" tal-Ħamrun li kien taħt id-direzzjoni tas-Surmast A. Miruzzi, bdiet il-Programm tagħha fid-9.00p.m. ħdejn il-Knisja. Waqt il-Programm daqqet Marcia "I Napolitani" ta' Miruzzi, Overture "Juan De Paris" ta' Boiecliieu, Grande Scelta mil-"Cavalleria Rusticana" ta' Mascagni, Valser "Ricordo" ta' Miruzzi, Aria e Canzone mil-"Madame Butterfly" ta' Puccini, Mazurca mil-"Lidia" ta' Alberti u temmet il-programm bid-daqq ta' "Dio Salvi il-Re"

Kif wieħed jista' jinnota dawn iż-żewġ Baned kienu jidħlu għal dawn il-Programmi b'impenn liema bħalu għaliex l-għażliet mużikali li daqqew dak in-nhar kienu ta' livell għoli. Minnaħa tal-organizzatturi ta' din il-Festa jidher li meta kienet issir l-għażla tal-baned mistiedna dawn kienu jitolbu s-servizzi ta' baned stabbiliti li kellhom isem fil-qasam ta' programmi bħal dawn.





PROGRAMMI
DA ESEGUIRSI IN OCCASIONE DELLE FESTE DI
N. S. del Carmelo
SOCIETÀ FILARMONICA "LA VALLETTE"
IN PIAZZA S. GIORGIO
LUNEDÌ 15 LUGLIO 1907, ORE 8.30 p.m.
Marcia LORD CHARLES BEFESFORD Xuereb
Sinfonia SAVOJA Farina
Gran Finale III GUARANY Gomez
Barcarola ed aria I DUE FOSCARI Verdi
Zingaresca CAPRICCIO Caravaglios
INNO LA VALLETTE
DIO SALVI IL RE
Prof. G. LUCIA, Dirett.

SOC. MUSICALE "S. GIUSEPPE" (Hamrun)
VICINO LA CHIESA
LUNEDÌ 15 LUGLIO, ORE 9 p.m.
Marcia I NAPOLITANI Miruzzi
Overture JEAN DE PARIS Boielclieu
Grande scelta CAVALLERIA RUSTICANA Mascagni
Valser RICORDO Miruzzi
Aria e Canzone MADAME BUTTERFLY Puccini
Mazurca LIDIA Alberti
DIO SALVI IL RE
A. MIRUZZI, Dirett.

Provate le nuove Sigarette nazionali
"CROCE DI MALTA"
a 2d. soldi per pacco di 10

Ma għandix dubju li dakinhar in-nies daħlet lejn il-Belt bi ħġarha mhux biss biex tisma lil dawn iż-żewġ baned waqt il-programmi tagħhom, iżda wkoll biex tippartecipa f'waħda mil-Festi ta' Devozzjoni Kbira li għad għandna fil-Gżejjer Maltin

IL-FESTA T-TAJBA LILL KULLĦADD

Mario Fenech